MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2021

Appell Inferjuri Numru 493/2017/1 LM

**E' Casa Limited (C 46573)**
*("is-soċjetà appellanta")*

***vs.***

**Sascha Said (K.I. 218070M)**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **E' Casa Limited (C 46573)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-

Tribunal Għal Talbiet Żghar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **Sascha Said (K.I. nru. 218070(M))** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' dan tal-aħħar u ddikjara li l-azzjoni tas-soċjetà appellanta hija preskritta, filwaqt li ċaħad it-talbiet kollha tagħha u ordna sabiex l-ispejjeż ta' dik il-proċedura jitħallsu minnha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000.00) imressqa mis-soċjetà appellanta fil-konfront tal-appellat, liema somma tirrappreżenta l-prezz ta' għamara li hija kienet biegħet lilu fis-sena 2015 u li huwa min-naħa tiegħu naqas milli jħallas.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanti istitwiet il-proċeduri odjerni permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fil-25 ta' Ottubru, 2017, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-appellat iħallasha s-somma ta' €3,000.00 (tlett elf Euro), inklużi l-ispejjeż ta' dik il-proċedura u tal-ittra uffiċjali nru 1647/2017 magħmula skont il-proċedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u anki bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tal-preżentata tal-imsemmija ittra uffiċjali.

4. L-appellat wieġeb billi fl-ewwel lok eċċepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-azzjoni tas-soċjetà

appellanta kienet msejsa fuq bejgħ bl-imnut li sar fis-sena 2015. Fil-mertu eċċepixxa li t-talbiet tal-imsemmija soċjetà appellanta ma kinux mis-sew u kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Konsiderazzjonijiet***

***i. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni***

*Il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni* ai termini *tal-Art. 2148 tal-Kodiċi Ċivili. It-Tribunal josserva li għalkemm dan ma speċifikax il-paragrafu tal-artikolu, huwa ċar li r-referenza għall-bejgħ bl-imnut tqiegħed l-eċċezzjoni fil-parametri tal-Art. 2148(b).*

*Il-konvenut sejjes l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid hekk:*

"**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut."

*It-Tribunal osserva wkoll li l-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:*

"**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*Saru emendi f'dawn iż-żewġ artikoli permezz tal-Att I tal-2017. Minn dan l-Att, jista' jiġi osservat li qabel din l-emenda, l-Art. 2160(1) kien jaqra hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-

partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

*Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza **Bottega Del Marmista Limited vs Paul Mifsud pro et** (deċiża fis-26 ta' Jannar 2018), qalet hekk:*

"Imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'għandhomx jagħtu lis-soċjetà attrici (fol. 38 u 39). Però dan ma kienx każ fejn il-konvenuti ngħataw il-ġurament deċiżorju iżda fejn huma **xehdu minn jeddhom**. Għalhekk ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji tal-ġurament deċiżorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Qabel dakinhar id-dispożizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà lill-attur li jagħti l-ġurament deċiżorju lill-konvenut:

> "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **meta jingħata lilhom il-ġurament,** ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftkrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa".

Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari ċjoé meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut **minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili,** l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu".

*Il-Prim'Awla sostniet dan il-punt meta fil-kawża **P&S Limited et vs Noel Zammit et,** deċiża fis-16 ta' Frar 2018, qalet hekk:*

"L-emendi riċenti għall-artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili bidlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda l-preskrizzjonijiet qosra jew partikulari. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjeni bħala ammissibbli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew

interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħhu fil-kuxjenza tad-debitur" **(ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Ċivili, Prim'Awla, 16 ta' Jannar 1963** u **"Salvatore Jacono -vs- Vincenza vedova Serra", Appell Ċivili, 4 ta' Frar 1927)**.

Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li għadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat. Dak li kien ġurament deċiżorju, illum mhux bil-fors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawża.

Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-ġurament deċiżorju lid-debitur konvenut fil-kawża, is-sitwazzjoni illum hi, li ġaladarba eċċepita l-preskrizzjoni brevi jew partikoluari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jgħid bil-ġurament waqt il-kawża, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili). Għalhekk il-figura passiva tiegħu fil-liġi kif kienet qabel, ġiet sa ċertu punt, trasformata f'waħda attiva bil-liġi kif inhi illum. L-unika differenza li teżisti llum fl-artikolu in kwistjoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jagħti r-ragunijiet għalfejn ma għandux iħallas, mentri f'debiti oħrajn din il-kwalifika ma hiex meħtieġa, anke, kif ser jingħad, il-kontro-eżami tad-debitur xorta jista' jsir.

Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetaħ bieb li minnu daħlet l-opportunità għall-Attur biex ikun jista' jagħmel il-kontro-eżami lill-Konvenut, bil-benefiċċji kollha li tista' ġġib magħha l-proċedura tal-kontro-eżami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet għal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-**sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs- Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963** fejn intqal hekk:-

"... ... imma jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, dan ifisser illi hu qiegħed jirritjeni bħala ammissibbli l-eċċezzjoni eċċepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni tagħha u jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz ikun qiegħed jirrimetti ruħhu fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jaħlef skont il-liġi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz ta' difiża, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."

Jista' jkun il-każ li llum, ċertu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqgħux effikaċi proċeduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi. Għalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem ħoloq kontroversja morali u etika għax il-prova

tkun qed tigi rimessa lill-"*foro conscientiae"* tal-individwu. Iżda minn naħa l-oħra, huwa ukoll prinċipju importanti, li min jippretendi li għandu dritt, jrid jieħu kura tiegħu billi jeżerċitah fi żmien raġjonevoli. It-termini ta' żmien fil-proċedura, huma maħsuba li jaffermaw iċ-ċertezza tad-dritt mhux biss għall-kreditur iżda ukoll għad-debitur, altrimenti dan tal-aħħar jista' jibqa' indefinittivament passibbli għall-proċeduri, ħaġa li ma hiex konsentita mil-liġi naturali. Il-liġi tħares lejn il-mogħdija ta' żmien, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, bħala fattur naturali li jġib fix-xejn l-eżerċizzju tad-dritt bl-akkwiżizzjoni tiegħu mit-terz jew l-estinzjoni tiegħu."

*Jidher għalhekk ċar li sabiex japplika l-Art. 2160, jiġifieri sabiex il-preskrizzjoni* ai termini *tal-Art. 2148 <u>ma tapplikax,</u> l-eċċipjenti jrid, <u>minn jeddu, waqt il-kawża,</u> jgħid taħt ġurament li hu mhux debitur jew li ma jitakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Għalhekk id-domanda issa trid tkun jekk il-konvenut qattx ħa xi ġurament ta' dan it-tip.*

*F'dan il-każ, il-konvenut ċertament kien jaf li kellu jagħti l-ammont mitlub lis-soċjetà attriċi. Fil-fatt, hu xehed ben ċar li hu kien ser iħallashom dan l-ammont meta l-kwistjoni dwar il-kulur tkun solvuta. It-Tribunal iħoss li hija partikolarment rilevanti x-xhieda tal-konvenut a fol. 75 meta hu xehed hekk: "*Il-ftehim kien illi t-tlett elef ikunu dovuti meta jinbidel according to my order. Allura til this second I am not a debtor."

*Mix-xhieda tiegħu, il-konvenut jaf li huwa debitur iżda <u>jħoss</u> li minħabba ċ-ċirkostanzi, l-ammont mhux dovut.*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma tirrigwarda l-bejgħ bl-imnut. Fis-sentenza* ***<u>Pace Associates Limited vs. Drawing Techniques Limited</u>****, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet:*

"Għall-finijiet tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taħt l-Artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili jinsab ritenut illi fil-każ ta' bejgħ "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbiegħu oġġetti ta' konsum ġjornaljier, tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux. Dan ifisser li fl-Artikolu 2148(b) il-liġi tagħna tipprexxindi mill-kwalità tal-persuni u anzi ma tħaresx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma tħares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se.

L-istess ġurisprudenza tistabbilixxi mbagħad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa għall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f'opra jew fejn wieħed ibiegħ lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugħa u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgħ hu wieħed bl-ingrossa. Għalhekk il-grossista jbiegħ l-iktar lil dawk li

jinnegozjaw fl-oġġett mixtri mentri l-immnutant ibiegħ lil xerrejja fi kwantitajiet zgħar skont il-bżonnijiet tagħhom. Fl-ewwel każ il-kreditu hu soġġett għall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita fl-Artikolu 2156(f), fil-każ tat-tieni, għall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b);

In-natura ta' bejgħ bl-ingrossa ma tikkonvertix ruħha f'bejgħ bl-imnut minħabba l-fatt li l-konsenja tal-oggetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taħt liema kategorija għandu jiġi klassifikat il-bejgħ."

*Fis-sentenza* ***<u>Gaetano Abdilla et vs Sebastian Dalli et</u>*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-4 ta' Novembru 2005, intqal:*

"Il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) hija applikabbli għall-krediti ta' merkanzija mibjugħa bl-imnut ossia bid-dettal.

L-eċċezzjoni sollevata neċessarjament teħtieġ li ssir distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut, li huwa preskrivibbli bid-dekors ta' tmintax-il xahar, u bejgħ bl-ingrossa, preskrivibbli bid-dekors ta' ħames snin.

Il-liġi ma tiddistingwix bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa iżda l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegħ l-aktar lil negozjanti oħra filwaqt li d-dettaljatur ibiegħ lill-konsumaturi fi kwantitajiet żgħar dettati mill-bżonn li jkollhom."

*In linea ma' dan, it-Tribunal huwa konvint li l-bejgħ mertu ta' din l-azzjoni huwa fil-fatt bejgħ bl-imnut u l-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 huwa l-artikolu applikabbli.*

*Il-kuntratt bejn il-partijiet seħħ fit-2 ta' Ġunju 2015. Għalhekk, sabiex il-preskrizzjoni tkun interrotta, kellha ssir interpellazzjoni fi żmien tmintax-il xahar. Jirriżulta li l-ewwel interpellazzjoni saret permezz tal-ittra uffiċjali (166A) ippreżentata fil-31 ta' Awwissu 2017 (vera kopja esebita a fol. 43). Din l-ewwel interpellazzjoni saret <u>iktar minn sitta u għoxrin (26) xahar</u> wara l-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2015. Fit-31 ta' Awwissu 2017 ġie ippreżentat ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju (allegat a fol. 47* et seq.) *Dan, iżda, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-interpellazzjoni saret iktar minn sitta u għoxrin (26) xahar wara l-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2015.*

*Għalhekk, hija l-fehma tat-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi hija preskritta* ai termini *tal-Art. 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili."*

## <u>L-Appell</u>

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-1 ta' Lulju, 2019, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka, tħassar u

tannulla d-deċiżjoni appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-appellat u tirrimetti lura l-atti lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar il-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Dawn huma l-ħames aggravji li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta: (i) it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jistabbilixxi u li japplika l-preskrizzjoni; (ii) it-Tribunal naqas milli jevalwa l-inkompatibbiltà bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn; (iii) it-Tribunal kien skorrett fl-analiżi u l-konklużjoni rigward l-artikolu 2160 tal-Kap. 16; (iv) it-Tribunal kien żbaljat meta stqarr li kien applikabbli l-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-istess liġi; u (v) ġaladarba l-appellat ammetta li l-ammont kien għadu dovut, l-eċċezzjonijiet tiegħu kellhom jiġu miċħuda.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellat wieġeb fil-15 ta' Ottubru, 2020, wara li ġie notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviż tas-smigħ tal-istess appell fil-5 ta' Ottubru, 2020. Huwa qed isostni li l-appell interpost għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li qal it-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jistabbilixxi u li japplika l-preskrizzjoni*

9. Qabelxejn, is-soċjetà appellanta filwaqt li stqarret li l-insenjament tal-qrati tagħna huwa li qorti tat-tieni grad m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi kif magħmul minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad għajr jekk tkun inħolqot inġustizzja, issottomettiet li hekk kien ġara fil-każ odjern fejn it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u wasal għal konklużjoni ħażina fir-rigward tal-preskrizzjoni. Is-soċjetà appellanta tiċċita l-artikolu 2111 tal-Kap. 16[1] u tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza fejn ġew riflessi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Issostni li kif kien jirriżulta mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellat, u anki mill-osservazzjoni magħmula mit-Tribunal, l-imsemmi appellat kien naqas li jindika s-subinċiż jew is-subartikolu tal-liġi li taħtha huwa kien qed jeċepixxi l-preskrizzjoni. B'hekk huwa kien naqas milli jindika b'mod preċiż u sufficjenti l-preskrizzjoni eċċepita minnu. Madankollu, tissottometti s-soċjetà appellanta, it-Tribunal ma setax ifittex hu stess liema subinċiż kien qed jagħmel riferiment għalih l-appellat u għalhekk kien żbaljat meta ddeċieda li japplika *ex officio* l-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 minflok li warrab l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

10. L-appellat fit-tweġiba tiegħu, filwaqt li jirrileva li qatt ma kien hemm kontestazzjoni li l-vertenza tirrigwarda konsenja bl-imnut, isostni li ma kienx hemm bżonn ta' tfittxija approfondita sabiex jinstab il-perijodu ta' preskrizzjoni ssollevat minnu. Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellat sostniet li ġaladarba kien indikat fir-risposta għat-Talba li l-kwistjoni kienet tirrigwarda bejgħ bl-imnut u din il-kelma kienet biss tinsab fil-para. (b) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16, kien jirriżulta li fir-risposta tal-appellat għall-Avviż tat-Talba kien hemm l-indikazzjoni meħtieġa.

[1] "Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata."

11. Imma din il-Qorti tissenjala li t-Tribunal ma setax *ex officio* jagħti effett għal dik id-dispożizzjoni tal-liġi li tipprovdi għal preskrizzjoni partikolari, meta tali dispożizzjoni ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu mill-parti li tkun issollevatha. Altrimenti t-Tribunal ikun qed jindaħal u jgħin f'materja odjuża fejn l-artikolu 2111 tal-Kap. 16 jipprovdi li ma jista' jieħu l-ebda inizjattiva billi jissolleva u jagħti effett għall-preskrizzjoni. Dan l-insenjament huwa wieħed paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li diversi drabi kellhom l-opportunità li jesprimu ruħhom fil-materja.

12. Din il-Qorti stess, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2003, fl-ismijiet **Martin Aquilina eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Handkrafts *vs.* Christopher Friggieri** irriteniet illi:

> *"L-artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili huwa għalhekk imperanti anke f'dan il-każ u t-Tribunal għamel sewwa illi ma kkonsidrax l-eċċezzjoni ġjaladarba din ma kinitx speċifikata. Kif paċifikament akkolt f'bosta deċiżjonijiet "il-Qorti ma tistax 'ex officio' tagħti effetti għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata - artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili - u ma għandhiex għalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx ġiet indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha" (**Vol XXXIII pI p481; Vol XXIV pI p410; Vol XL pI p170; "Francis Bugeja nomine -vs- Indria Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000.*
>
> *F'dan l-istadju l-appellant jinvoka d-dispost tal-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili, però imbagħad jonqos li joffri spjegazzjoni il-għala jidhirlu li għall-każ dan għandu japplika. Issa apparti l-konsiderazzjoni tal-kwistjoni tal-interruzzjoni in vista tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' April 2001 (fol 37), bi bran misluf mid-deċiżjoni a **Vol XXV pII p638**,* "nella fattispecie però tale eccezzione non si sostiene siccome nel caso l'attore non agisca in ripetizione di indebito ne gli elementi di fatto che hanno dato causa al giudizio presente si prestano a dare giuridica consistenza ad un azione di ripetizione di indebito". *Fil-kaz prezenti dan johrog bil-wisq car mix-xiehda tal-attur (fol 42) fl-ispjegazzjoni minnu fornita dwar x'hiex qed jirreklama l-ħlas."*

13. Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. gia Korporazzjoni TeleMalta *vs.* Salina Co. Limited** mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2004, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, esprimiet ruħha proprju fuq każ partikolari fejn ukoll il-parti li kienet qiegħda teċċepixxi l-preskrizzjoni naqset milli tindika b'mod speċifiku u inekwivoku s-subinċiż li kellu jiġi applikat:

> *"Illi in linea preliminari s-soċjetà konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni ta' tmintax -il xahar u dik ta' ħames snin a tenur "tal-artikoli 2148 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili". In tema legali jiġi osservat li "hija ġurisprudenza kostanti għal għexieren ta' snin li f'materja ta' krediti ta' ħlas għas-servizz tat-telefon, inkluża kera tal-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156[f] tal-Kodiċi Ċivili u mhux dik ta' tmintax -il xahar kontemplata fl-artikolu 2148[f]" [App.Trib. Malta Com plc vs Albert Grech et - 14 ta' Ġunju 2001].*
>
> *Illi in kwantu għall-preskrizzjoni kwinkwennali bażata fuq id-dispost tal-Artikolu 2156 il-Qorti tosserva li ma ġiex speċifikat is-sub-inċiż li fuqu hija bażata l-eċċezzjoni. "L-artikolu tal-liġi li l-konvenut seta' kellu fil-*forma mentis *tiegħu fih ben ħames inċizi distinti, li jipprospettaw l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet għal kollox differenti waħda mill-oħra. Inoltre skont l-Art. 2111 il-Qorti ma tistax* ex officio *tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi* ex officio *għan-nuqqas tal-parti u m'għandhiex għalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvoka" [PA.[PS] Donald Manche noe* vs. *Joseph Said - 28 ta' Ġunju 2003 – vide każistika ċitata][sottolinear ta' din il-Qorti].*
>
> *Illi għalhekk in bażi għall-konsiderazzjonijiet premessi l-ewwel eċċezzjoni hija insostenibbli."*

14. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu, u stante li dan is-sejbien iwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni appellata, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqa' l-ewwel aggravju tagħha u tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha, u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal sabiex dan jiddeċiedi dwar il-mertu.**

**L-ispejjeż konnessi mad-deċiżjoni tal-ewwel eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u anki dawk ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**